**<u>MINUTI TAL-KUMITAT AMMINISTRATTIV GĦAL MARSALFORN</u> Nru. 27/2012**
***Kienet addottata Aġenda nru. 24/2012***

**Iltaqa' fil-Bini tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**

**Data: It-Tlieta, 10 ta' April 2012**

**Ħin: Fil-5.30 ta' filgħaxija**

**Preżenti għall-laqgħa:-**

- **Is-Sinjura Maria Saliba – Chairperson**
- **Is-Sur Emmanuel Debono – Viċi Chairperson**
- **Is-Sur Victor Refalo – Kunsillier**
- **Is-Sur George Sacco – Membru**
- **Is-Sur Joseph Zammit – Membru**
- **Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba – *Ex Officio***
- **Is-Sinjura Diane Tagliaferro – Segretarja Eżekuttiva.**

Ippresjediet il-laqgħa ċ-Chairperson is-Sinjura Maria Saliba.

## 1. TALBA

Intqalet talba miċ-Chairperson u ngħata bidu għall-laqgħa.

## 2. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

Billi l-minuti tas-seduta b' nru. 26/2012 ġew ċirkulati minn qabel, dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

Iċ-Chairperson talbet għal xi korrezzjonijiet li setgħa kien hemm għall-minuti.

Ma kienx hemm korrezzjonijiet għall-minuti.

Iċ-Chairperson talbet għall-approvazzjoni tal-minuti kif ippreżentata u staqsiet għal dawk li kienu favur, kontra jew li ser jastjenu.

Minħabba li kien jidher li kulħadd kien favur, dawn il-minuti ġew approvati u ffirmati.

## 3. PUNTI LI JOĦORĠU MILL-MINUTI

Dwar l-offerta tat-tabelli, il-Viċi Chairperson staqsa f' hix kienet waslet? Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li kienet għadha tistenna lill-Perit biex jgħaddilha l-i*specs* tal-offerta.
Kien diskuss il-fatt li hemm diversi xogħlijiet tal-Kumitat pendenti mal-Perit u wkoll il-fatt li l-Perit Scerri ma kienx qed jagħti s-servizz mixtieq mill-Kumitat minħabba dewmien esaġerat biex jgħaddi ċertu xogħlijiet għal Marsalforn.

Dwar il-manutenzjoni tat-tabelli, il-Kumitat iddeċieda li ssir lista bit-tabelli li għandhom bżonn tiswija b' urġenza u jintalbu tlett stejjem (lil Refalo Signs, Cordina u Xmun Projects) u x-xogħol jingħata lill-irħas wieħed.

## 4. KORRISPONDENZA

Sar il-qari ta' din il-korrispondenza:

Ittra ta' Transport Malta dwar ir-*rumble strips* proposta li jsiru fi Triq ix-Xwejni, quddiem il-Bajja tal-Qbajjar. Intqal li l-post huwa wieħed sensittiv u allura jikkwalifika biex isiru dawn ir-*rumble strips* (skont it-*tool box* li għaddiet l-istess Awtorita'). Ġie deċiż li tintbagħat ittra lil Transport Malta f' dan is-sens.

Il-Kumitat iddeċieda li jagħmel *traffic management* għal Triq id-Duluri u Triq il-Munġbell u f' parti minn Triq il-Qbajjar – issir *site visit* mal-Perit.

Ittra mibgħuta mill-Ministeru għal Għawdex dwar l-installazzjoni ta' *electric vehicle charging points* fil-lokal. Ma kienx hemm oġġezzjonijiet għas-sit magħżul f' Marsalforn.

Stima tal-Perit Scerri biex isiru żewġ *manholes* fi Triq Barda. Intqal billi dik il-parti tat-triq kienet saret mill-Ministeru għal Għawdex, issir talba lill-Ministeru biex iqabbad lill-kuntrattur tiegħu jagħmel dawn iż-żewġ *manholes*.

Tingħata *reminder* lill-Perit – *water culvert* fi Triq ix-Xagħra.

*E-mail* tal-Inġ. Bajada dwar il-kundizzjoni tar-*railings* fil-Qbajjar. Iċ-Chairperson issuġġeriet li r-*railings* jinqalgħu u minflok isir ċint bil-bricks. Il-Kumitat ftiehem li l-Perit jintalab joħroġ stima.

Is-Sindku s-Sur Nicky Saliba rtira mill-Kamra tal-laqgħat.

| **Applikazzjonijiet għall-permess tal-Kunsill Lokali** | **Deċiżjonijiet meħuda mill-Kumitat Amministrattiv** |
|---|---|
| (i) Piu Trentanove | Deċiżjoni mill-Kumitat ma |

Għal tqegħid ta' mwejjed u siġġijiet quddiem l-istabbiliment Piu Trentanove, Triq il-Port mis-16 ta' Ġunju sal-1 ta' Lulju 2012 fl-okkażjoni tal-European Sport Event. — ttieħdetx.*

* Deċiżjoni tittieħed meta l-Kumitat jiddeċiedi dwar l-egħluq ta' Triq il-Port u l-Menqa.

Il-Kunsillier is-Sur Victor Refalo rtira mill-Kamra tal-Laqgħat.

(ii) Frances Attard
Applikazzjonijiet għal meter tad-dawl temporanju għal *street hawker* – bejjiegħ tal-ikel u xorb mill-1 ta' Ġunju sat-30 ta' Settembru 2012 fi Triq il-Wied. — Deċiżjoni tittieħed f' seduta oħra.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li l-Perit kien ħareġ il-kont ta' Triq Daħlet ta' Merżuq. Qalet il-kont tax-xogħol jammonta għal €54,841.46. Is-Segretarja Eżekuttiva kienet mistoqsiha, id-differenza bejn l-istima u l-kont għalxiex kienet dovuta? Ikkwotat mill-kont tal-Perit li d-differenza fil-kont hi għal kisi li sar f' dawk il-partijiet tat-triq li kienu ser jitħallew bil-ħamrija. Iċ-Chairperson staqsiet, min ta l-ordni biex isir dan ix-xogħol *extra*? Is-Segretarja Eżekuttiva wieġbet li hi ma kienet tat l-ebda ordni.
Iċ-Chairperson qalet irridu naraw min ordna dan ix-xogħol extra.

Is-Segretarja Eżekuttiva għarrfet lill-Kamra li rċeviet mill-Malta Competition & Consumer Affairs Authority ir-rapport dwar il-*promenade* tal-Qbajjar. Dan ir-rapport se jkun diskuss f' seduta oħra.

Il-Kumitat qabel li jikteb lill-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar dwar il-possibbilita' li jingħata finanzjament mill-UIF għall-*upgrade* tal-*promenade*.

Iż-żbir tas-siġar u x-xogħol taż-żebgħa fil-*promenade* ser ikunu sospiża sakemm ikun diskuss ir-rapport tal-MCCAA u tittieħed deċiżjoni dwar il-*promenade*.

## 5. SEJĦIET GĦALL-OFFERTI U KWOTAZZJONIJIET

KISI BIL-KONKOS TA' PARTI MINN TRIQ IL-WIED TA' MARSALFORN

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet peress li fil-ħin tal-għeluq tal-offerti; ħadd mill-Kumitat u lanqas mill-Kunsill ma kien preżenti għall-ftuħ tal-offerti, hija ssiġillat l-offerti mitfugħa.

Is-Segretarja Eżekuttiva fetħet il-ħames offerti mitfugħa.

L-offerti mitfugħa huma ta', jammontaw għal:

| | |
|---|---|
| Peter Paul Said | €15,300 |
| Joseph Portelli | €54,319.30 |
| Patrick & Dominic Refalo | €11,023.30 |
| Road Construction Co Ltd | €14,032.50 |
| Gatt Tarmac Ltd | €14,349.00 |

Il-ħames offerti kellhom garanzija bankarja valida. Is-Segretarja Eżekuttiva qalet wara li tivverifika l-ammonti fil-*boqs*, ser tgħaddi l-offerti lill-Perit biex jagħmel l-evalwazzjoni tagħhom.

PROVVISTA TA' ŻEBGĦA TA' BARRA

Is-Segretarja Eżekuttiva qalet li ntefgħu żewġ kwotazzjonijiet taż-żebgħa. Qalet il-kwotazzjonijiet mitfugħa huma ta' Rapa Showrooms Co Ltd u DDS Ltd b' diversi prezzijiet.
Il-Kumitat talab lis-Segretarja Eżekuttiva biex tagħżel l-irħas kwotazzjoni minnhom it-tnejn.

## 6. L-ATTIVITA' 'ĠMIEL IR-REBBIEGĦA' 2012

Peress li Notte Gozitana ser issir fil-*weekend* bejn it-18 u l-20 ta' Mejju, il-Kumitat qabel biex possibbilment jipposponi l-attivita' għad-9 ta' Ġunju 2012.
Il-Kumitat approva budget ta' €5,000 għall-attivita' Ġmiel ir-Rebbiegħa.
Il-Viċi Chairperson issuġġerixxa li jsir divertiment għat-tfal u l-programm jinkludi fost l-oħrajn attivita' folk.
Il-Kumitat iddeċieda li jitlob stima lil diversi persuni biex jimla programm ta' ħames sigħat.

Il-Viċi Chairperson irtira mill-Kamra tal-laqgħat.

## 7. IS-*SOFT AREA* TA' TRIQ IL-WIED

Iċ-Chairperson ipproponiet u l-Kumitat qabel li ssir proposta lil Transport Malta biex minflok is-*soft area* ta' Triq il-Wied isir *bus terminal* żgħir diċenti.

Il-Kumitat qabel li jitlob lit-Taqsima Agrikoltura biex isir *upgrade* tas-*soft area.*

## 9. MATERJA OĦRA

Issir *reminder* lill-Ministeru għal Għawdex fir-rigward tal-kisi bit-tarmak ta' Triq Għar Qawqla.

Iċ-Chairperson ipproponiet u l-membri preżenti qablu:

- issir talba lil Arriva biex is-servizz ta' trasport pubbliku jkun estiż għall-Bajja tax-Xwejni.
- nitkellmu ma' tal-Public Works dwar tafal u terrapien li qed jinqatgħa minn mas-sies taħt Triq Santa Marija u l-istess sit jinbdew il-proċeduri biex jinġab il-permess tal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar biex is-sit ikun żviluppat f' *barbeque area*.
- nitolbu biex isiru s-sinjali ta' mal-art fil-*car park* ta' Marsalforn u fi Triq Għar Qawqla.
- nitolbu biex isir iż-żbir tas-siġar fi Triq ir-Rabat, mir-residenza Casa Bianca sal-Crystal Palace.
- jinbidlu tlett *pots* miksura fi Triq Santa Marija (fuq l-Otters).
- issir *platform* tal-konkos taħt l-i*skips on wheels* u l-*bring-in site* tal-*car park* (jinġabru tlett stejjem).
- jinqalgħu l-*bollards* tal-konkos miksura fuq il-*promenade* ta' Marsalforn.

Is-Sur Sacco ppropona u l-Kumitat qabel li jsir *bollard* tal-ħadid quddiem il-*parking bay* tal-muturi fil-Menqa.

## 8. ILMENTI

Ilment KAM 05/2012 – Pawlu Attard
Talab biex terġa' titwaħħal mera tat-traffiku li tkissret bil-maltemp fi Triq ir-Rabat. It-talba kienet rifjutata – mera għal skopijiet privata.

Ilment KAM 06/2012 – Victor Camilleri
Jitnaddaf il-*water culvert* ta' quddiem il-*promenade* tal-Qbajjar. Il-Kumitat approva t-tindif tal-*culvert*; jagħmel ix-xogħol il-kuntrattur tal-*promenade*.

Ilment KAM 07/2012 – Rita Darmanin
Ilmentat dwar il-ħajt li bnew ta' Triesti fi Triq il-Qbajjar u l-fatt li qed iżomm kwantita' ta' ilma mar-residenza tagħha. Iċ-Chairperson qalet diġa kienu saru rapporti mal-Awtorita' dwar l-Ambjent u l-Ippjanar.

Ilment KAM 09/2012 – is-Sindku tax-Xagħra

Għandu diversi lmenti minn bdiewa u nies oħra li jiffrekwentaw it-triq ta' ġol-wied ta' Marsalforn dwar l-istat ħażin tat-triq. Iċ-Chairperson qalet li għandu jinżel Toni Debono biex jara' t-triq u l-ħitan imwaqqa' li hemm.

## 10. AĠĠORNAMENT

Il-laqgħa ntemmet fid-9.00 ta' filgħaxija u l-Kumitat Amministrattiv aġġorna *sine die*.

**Maria Saliba**
***Chairperson***

**Diane Tagliaferro**
***Segretarja Eżekuttiva***